13 ta' Ġunju, 1955

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. Edoardo Sammut ne. *versus* Gerald Vella et.

**Pagament — Użu Kummerċjali — Art. 1195 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 80 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**

*Il-pagament mhux validu, u ma jilliberax lid-debitur, jekk ma jsirx lill-kreditur, jew lil rappreżentant tiegħu leġittimu; tant jekk dik ir-rappreżentanza tkun konvenzjonali, kemm jekk tkun legali jew ġudizzjarja.*

*Hu rikonoxxut fil-pjazza ta' Malta l-użu ġenerali li, fil-każ ta' merkanzija miġjuba minn barra, il-ħlas tagħha jsir lil min jippreżenta l-fattura; dan, però, iseħħ meta fuq il-fattura jkun hemm l-isem tal-persuna li tippreżentaha, u ma jkunx hemm id-dwejjet li l-ħlas isir lil dik il-persuna.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li biħ l-attur nomine talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenuti jiġu kundannati jħallsu s-somma ta' £41.15.11, prezz ta' merkanzija lilhom mibjugħa u konsenjata mid-ditta attriċi; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Novembru, 1954, u bl-imgħaxijiet legali;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li ssotto-

mettew illi ma għandhom jagħtu xejn lid-ditta attriċi, billi huma ħallsu permezz ta' *cheque* lil Scicluna's Bank l-ammont mitlub, billi ġew avżati minn dan il-Bank bil-merkanzija, skond l-użanza fil-pjazza kummerċjali lokali;

*Omissis*;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-31 ta' Marzu, 1955, li biha ġiet milqugħa t-talba għas-somma ridotta ta' £33.10.8, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi mid-dokumenti li ġew prodotti jirriżulta illi l-konvenuti ħallsu l-prezz tal-merkanzija fuq fattura numru 73 għal £41.15.11 lid-ditta "Joseph E. Eminyan", u dina ttrasmettiet lid-ditta attriċi biss is-somma ta' £8.5.3; u din hija rraġuni l-għaliex l-attur nomine rriduċa t-talba għas-somma ġa fuq indikata; u illi jirriżulta wkoll illi d-ditta attriċi ma tatx awtorizzazzjoni biex l-import ta' l-imsemmi fattura jiġi mħallas lid-ditta "Joseph E. Eminyan";

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti proprio et nomine, u rat il-petizzjoni tagħhom, fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmi'a tiġi revokata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat nomine;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi l-aggravju miġjub il-quddiem mill-appellanti huwa li l-ammont reklamat mid-ditta attriċi ġie minnhom imħallas b'cheque permezz tal-Banka "Scicluna" (fol. 27). Dak iċ-cheque ġie mħallas fuq tratta (fol. 25) miġbuda minn ċertu Eminyan kontra l-appellanti. Din it-tratta saret fit-23 ta' Lulju, 1953, u l-ħlas relativ fit-28 ta' Lulju, 1953;

Ikkunsidrat;

Illi l-ħlas mhux validu, u ma jilliberax lid-debitur, jekk ma jsirx lill-kreditur (art. 1195 tal-Kodiċi Ċivili), jew lil rappreżentant tiegħu leġittimu, tant jekk dik ir-rappreżentanza tkun konvenzjonali, kemm jekk tkun legali jew ġudizzjarja. Fil-każ in eżami, l-imsemmi ħlas magħmul mill-appellanti fuq it-tratta kontra tagħhom miġbuda mill-imsemmi Eminyan ma setgħax jilliberahom mill-obligu tagħhom versu d-ditta

attriċi; għaliex ma *jirriżultax* b'mod soddisfaċenti li dak *Eminyan* kien ġie espressament awtorizzat biex jirċievi dak il-ħlas (art. 80 tal-Kodiċi tal-Kummerċ);

*Jingħad ukoll* li, *għalkemm huwa rikonoxxut* l-użu ġenerali fil-pjazza ta' Malta, li fil-każi ta' merkanzija miġjuba minn barra l-ħlas tagħha jsir lil min jippreżenta l-fattura, basta jkun hemm fuqha l-isem ta' min jippreżentaha, u ma jkunx hemm id-divjet li l-ħlas *isir lilu* (Kollez. Vol. XVII-I-50; Vol. XX-I-177; u Vol. XXVI-III-643), fil-każ in eżami l-isem ta' Eminjan mhux biss ma jidherx fuq il-fattura (fol. 32, iżda *fiha jinsab espressament stabbilit li l-ħlas* kellu *jsir* "al nostro domicilio in Messina contro documenti a mezzo banco";

Għalhekk, bil-ħlas magħmul mill-appellanti *lil Eminyan*, huma baqgħu l-istess *responsabbli versu* d-ditta attriċi, billi b'dak il-ħlas *ma* lliberawx ruħhom mill-obbligu tagħhom lejha;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u *tikkonferma* s-sentenza appellata, bl-ispejjeż *kontra* l-konvenuti appellati; b'riżerva favur tagħhom kontra l-imsemmi Eminyan, "si et quatenus".